**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Frar, 2020**

Rikors Numru: 530/19 AL

**AB**

CB

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti u li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tlieta u għoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (23/9/1982) kif inhu indikat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt (2) itfal, li llum huma t-tnejn maġġorenni u għandhom iżjed minn tlieta u għoxrin (23) sena kif inhu indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom hawn annessi u mmarkati bħala Dok 'B' u Dok 'Ċ' rispettivament;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Simon Manicolo mit-tnax t' April tas-sena elfejn u tlettax (12/4/2013), liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'D';

4. Illi minkejja li skond il-kuntratt tas-separazzjoni odjern l-obbligu da parti tar-rikorrent li jissoministra manteniment lill-konvenuta m'għadux viġenti, ir-rikorrent lest li jibqa' jivversa s-somma ta' tnejn u tmenin Ewro (€82) bħala manteniment versu l-konvenuta;

5. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju favur l-ulied tal-partijiet, stante li l-ulied huma lkoll maġġorenni u għandhom iktar minn tlieta w għoxrin (23) sena, u wisq anqas m'hemm arretrati dovuti;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn sitt (6) snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tippronunzja li huma divorzjati; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha ecepiet :

1. Illi hija taqbel mal-premessi tal-attur.
2. Illi m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi z-zwieg taghha mal-attur Raymond Attard jigi mahlul permezz ta' divorzju minndina l-Qorti b'dan illi hija m'ghandix tkun responsabbli ghall-ispejjez involuti;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Novembru, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' April, 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.